DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 131/2012

tat-13 ta' Lulju 2012

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII mal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 113/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 [1].

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/765/UE tat-22 ta' Novembru 2011 dwar kriterji għar-rikonoximent ta' ċentri tat-taħriġ involuti fit-taħriġ ta' sewwieqa tal-ferroviji, dwar kriterji għar-rikonoxximent tal-eżaminaturi ta' sewwieqa tal-ferroviji u dwar kriterji għall-organizzazzjoni ta' eżamijiet skont id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 42gb (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 36/2010) tal-Anness XIII mal-Ftehim:

"42gc. **32011 D 0765**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/765/UE tat-22 ta' Novembru 2011 dwar kriterji għar-rikonoximent ta' ċentri tat-taħriġ involuti fit-taħriġ ta' sewwieqa tal-ferroviji, dwar kriterji għar-rikonoxximent tal-eżaminaturi ta' sewwieqa tal-ferroviji u dwar kriterji għall-organizzazzjoni ta' eżamijiet skont id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 314, 29.11.2011, p. 36)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2011/765/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Lulju 2012, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

[1] ĠU L 270, 4.10.2012, p. 37.

[2] ĠU L 314, 29.11.2011, p. 36.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.